DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 103/2008

tas-26 ta' Settembru 2008

li temenda l-Anness VI (is-Sigurtà Soċjali) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-Sigurtà Soċjali għall-ħaddiema Migranti Nru 207 tas-7 ta' April 2006 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 76 u l-Artikolu 79 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 dwar id-duplikazzjoni tal-benefiċċji u *allowances* tal-familji ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 3.81 (id-Deċiżjoni Nru 205) tal-Anness VI tal-Ftehim:

"3.82. **32006 D 0442**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-Sigurtà Soċjali għall-ħaddiema Migranti Nru 207 tas-7 ta' April 2006 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 76 u l-Artikolu 79(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 dwar id-duplikazzjoni tal-benefiċċji u *allowances* tal-familji (ĠU L 175, 29.6.2006, p. 83)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni Nru 207 fl-ilsien Iżlandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-27 ta' Settembru 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Settembru 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

([1]) ĠU L 124, 8.5.2008, p. 24.
([2]) ĠU L 175, 29.6.2006, p. 83.
(*) M'huma ndikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.